**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 26.12.10: FESTA TAL-FAMILJA MQADDSA TA' GESU' , MARIJA U ĠUŻEPPI.**
Illum waqt il-quddiesa, il-miżżewġin iġeddu l-wegħdiet tal- ħajja miżżewġa.



**PURCISSJONI B'GESU BAMBIN**
Il-purċissjoni b'Ġesu' Bambin immexxija mill-membri tal-Museum u akkompanjata mill-Banda Santa Margerita, titlaq mill-Museum **FIS-6.00p.m.** U tgħaddi mit-toroq ta' madwar Triq Cocco Palmeri.
X'ħin tasal il-knisja jkun hemm programm mill-membri tal-Museum u anke l-prietka tat-Tifel.
Nistieden lil kulħadd jieħu sehem f'din il-manifestazzjoni b'Ġesu Bambin.
**IT-TNEJN, 27.12.10:** Festa ta' San Gwann Appostlu u Evanġelista.
**IT-TLIETA, 28.12.10:**Festa tal-Qaddisin Innoċenti Martri.

**PARTY GHAT-TFAL**
Illum se nagħmlu l-Party għat-Tfal kollha tal-Parroċċa.
**Fit-8.30a.m.** Quddiesa fil-knisja u dritt wara nibqgħu sejrin fid-Dar Parrokkjali għall-Party. Jingħata rigal lit-tfal kollha.
**IL-ĦAMIS, 30.12.10: Fis-7.00a.m.** Ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**IL-ĠIMGĦA, 31.12.10: L-AĦĦAR TAS-SENA**
**Mill-4.00p.m.** 'l quddiem ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**Fis-6.00p.m.** Ikun il-quddiesa li tagħlaq bil-kant tat-Te Deum bħala ringrazzjament lil Alla għal dak kollu li għamel magħna matul is-sena li għaddiet.
**IS-SIBT, 1.1.11: SOLENNITA' TAL-IMQADDSA VERGNI MARIJA OMM ALLA**

**JUM IL-PACI**
**Fil-11.00a.m.** Ikun hawn ftit ħin ta' Adorazjoni biex nibdew is-sena l-ġdida f'riġlejn Ġesu Ewkaristija.
**IL-ĦADD, 2.1.11: SOLENNITA' TAL-EPIFANIJA TAL-MULEJ.**

**IBDA S-SENA FLIMKIEN MA' ĠESU'**
Xieraq li fl-aħħar tas-sena nersqu għas-sagrament tal-maħfra ħalli nkunu nistgħu nibdew is-sena ġdida flimkien ma' Ġesu' li jagħtina l-vera paċi tal-qalb.

**PROSIT U GRAZZI:**
- Lit-tfal kollha għall-attendenza tagħhom għan-Novena flimkien mal-Katekisti u s-Superjur tal-Museum.
- Lill-Ġenituri li akkompanjaw lill-uliedhom għan-Novena.
- Lill-Kor tat-Tfal li anima l-kant kollu tan-Novena.
- Lil dawk li żejnu l-knisja għal dawn il-festi.
- Lil Georgina Gauci għall-kunċert professjonali tal-Milied li tatna fil-knisja u li kien imfaħħar minn kulħadd.

**NIXTIEQU LILL-MEMBRI KOLLHA TAL-KOMUNITA' PARROKKJALI SENA ĠDIDA MIMLIJA FROTT SPIRITWALI KBIR, MILL-IMPENN TAGĦNA FIL-ĦAJJA TAL-KNISJA.**